



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13569/23
ADD 1
LIMITE
PV CONS 44
JAI 1230

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
28 ta' Settembru 2023

AFFARIJIET INTERNI

KWISTJONIJIET OĦRA TA' AFFARIJIET INTERNI

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. **Kooperazzjoni mal-Amerka Latina fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-indirizzar tat-traffikar tad-droga** 12884/23
Sitwazzjoni attwali 12838/23
- Il-Kunsill ħa nota tad-Dikjarazzjoni Konġunta maqbula mill-Ministri għall-Intern tal-UE u l-Ministri inkarigati minn kwistjonijiet ta' sigurtà tal-Istati Membri tal-Kumitat tal-Amerka Latina dwar is-Sigurtà Interna (CLASI) fit-28 ta' Settembru 2023.
6. **L-ażil u l-migrazzjoni: dimensjoni esterna¹²** 12990/1/23 REV 1
Skambju ta' fehmiet
- Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali u kellu skambju ta' fehmiet.
7. **Il-konsegwenzi tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**
- a) **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382** 13228/23
(Bażi legali: l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001)
Qbil politiku
- Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar l-estensjoni tal-Protezzjoni Temporanja u t-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.
- b) **Sigurtà interna³** 12901/23 R-UE
Sitwazzjoni attwali
- Il-Kunsill ha nota tas-sitwazzjoni attwali dwar is-sigurtà interna.

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.

² L-aġenziji tal-UE l-Frontex, il-Europol u l-EUAA ġew mistiedna għal dan il-punt.

³ L-aġenziji tal-UE l-Frontex u l-Europol ġew mistiedna għal dan il-punt.

8. Affarijiet oħra

13013/23

It-tieni konferenza Ewro-Gharbija dwar is-sigurtà tal-fruntieri (EABSC 2023)

(Porto, 15-16 ta' Novembru 2023)

Informazzjoni mill-Portugall

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall.

R-UE Dokument klassifikat RESTREINT UE/EU RESTRICTED

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dok. 13259/1/23 REV 1

Dwar il-punt "A"
nru 6:

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tipparteċipa fin-negozjati dwar il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali (ETS Nru. 172)
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tilqa' l-progress rapidu mill-Kunsill dwar it-tħejjija u l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tiegħu li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, fin-negozjati għal Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali.

Madankollu, il-Kummissjoni tqis li huwa legalment skorrett li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi ġuridika sostantiva.

Id-Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati hija bbażata unikament fuq l-eżistenza ta' setgħat konferiti tal-Unjoni u mhux fuq determinazzjoni ta' kompetenza speċifika. L-effett tagħha huwa limitat għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni jew lir-Rappreżentant Għoli, skont il-każ, biex juża l-prerogattivi tiegħu skont it-Trattati tal-UE biex jibda n-negozjati. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn in-negozjati huwa ddeterminat mill-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-libertà tas-sieħeb previst tal-Unjoni fit-trattat fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ambitu tan-negozjati ma tistax tiġi limitata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati. B'hekk, il-bażi ġuridika preċiża għall-ftehim futur tista' tiġi ddeterminata biss wara li jkun magħruf il-kontenut tal-ftehim.

Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni jenħteġ li jiġi estiż għall-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fil-kompetenzi kollha tal-Unjoni, kif definiti mit-Trattati. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li mhuwix korrett li l-awtorizzazzjoni tiġi limitata biss għal kwistjonijiet li fir-rigward tagħhom "l-Unjoni adottat regoli jew l-adozzjoni tagħhom mistennija fil-futur prevedibbli" u li ma tirreferix għall-fatt li l-Konvenzjoni prevista taqa' f'qasam li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa kopert mir-regoli komuni tal-UE. Peress li l-Konvenzjoni prevista taqa' f'qasam li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa kopert mir-regoli komuni tal-UE u, għalhekk, fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, il-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, se timmonitorja li ma jkun hemm l-ebda ksur tagħhom.

Il-Kummissjoni tqis ukoll li r-reviżjoni possibbli jew l-iżvilupp ulterjuri tad-direttivi ta' negozjar kif stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill iridu jkunu soġġetti għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni għal dawn il-kwistjonijiet.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dawn il-kwistjonijiet."

DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA

"L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tipproponi li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tipparteċipa, f'isem l-Unjoni Ewropea, f'negozjati dwar Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa li tħassar u tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1998 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (ETS Nru 172).

Fis-7 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill wara li jiġu kkunsidrati l-Artikoli 218(3) u (4) TFUE.

Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Lulju 2023, il-Coreper approva ż-żieda tal-Artikolu 83(2) TFUE mal-bażi legali tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. Id-data tal-approvazzjoni mill-Coreper ta' din iż-żieda kienet il-bidu tal-perjodu ta' inklużjoni fakultattiva stipulat fl-Artikolu 3 tal-Protokoll 21 għat-Trattati.

L-Irlanda tinnota li huwa maħsub li l-Kunsill ser jieħu deċiżjoni inqas minn 3 xhur wara l-preżentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni proposta lill-Kunsill sabiex jiġi ffaċilitat il-bidu tan-negozjati fil-Kunsill tal-Ewropa.

L-Irlanda jiddispijaċiha tinnota li dan ser iwassal biex l-Irlanda ma tingħatax id-dritt tagħha li jkollha 3 xhur li fihom teżerċita l-opzjoni tagħha li tinnotifika x-xewqa li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 21, TFUE.

Madankollu, konxja mill-importanza tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta, u filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa li tippermetti l-adozzjoni rapida tagħha, l-Irlanda qablet li tirrinunzja d-dritt tagħha li tinnotifika x-xewqa tagħha li tipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 21, TFUE.

Dan l-approċċ huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni sottostanti tal-Irlanda dwar din il-kwistjoni."
